MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Numru. 588/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**

**Charlo' Pace ta' 24 sena, bin Francis u Josephine nee' Cassar, imwieled Pieta` fis-26 ta' Settembru, 1980, residenti f' 'Agatha Court', Flat 2, Triq Alexandrfa , Qormi, u detentur tal-karta ta' l-Identita` bin-numru 440180(M)**

**Illum 26 ta' Ottubru, 2005**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat u cioe` talli f'dawn il-Gzejjer, fit-30 ta' April,2005 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksur l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahd, f'diversi postijiet, xjentament qieghed fic-

cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija, b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe` 420 optical diskettes konsistenti f'DVDs;

kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi, fil-fond 'Agatha Court' Flat 2, Triq Alexandra Qormi, ghal qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-attur li jkollha persuna ohra u portetti bil-ligi ta' Malta jew taghha.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Issibu hati wara l-ammissjoni bikrija tieghu fuq ammissjoni wara li rat l-artikoli 258 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghall-multa ta' tlett mitt Lira Maltin (Lm300) kif ukoll tordna l-konfiska u distruzzjoni tad-DVDs u l-Hard Drive.

Rat l-artikolu 14 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qed tawtorizzah illi jhallas il-multa b'rati mensili ta' tletin Lira Maltin (Lm30).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------